# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA, 2 TA' NOVEMBRU, 2001

*Avviz. Nru 235/01 AJD*

Casapinta Design Group Limited

vs

David J. Zammit

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' April, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebghin lira Maltin (Lm70.00) rapprezentanti import ta' servizzi professjonali resi lill-konvenut da parti mill-istess socjeta' attrici fl-'Information Technology & Telecommunications Fair'. Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 4 ta' Frar, 2000, u bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mid-data tal-fattura relattiva, kontra l- konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:-

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u l-ebda ammont m'hu dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici peress illi l-istess socjeta' attrici qatt ma pprestat servizzi lill-konvenut kif qed tallega fit-talba.

Ra n-nota prezentata mill-konvenut fid-19 ta' Lulju, 2001, fejn huwa indika li kien qed jeccepixxi l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2148 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-verbal tas-seduta tat-8 ta' Ottubru, 2001, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Ikkunsidra:

1. Illi l-konvenut qed jecepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta liema Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

*"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax il-xahar.*
*(f) l-azzjoni ta' kull persuna, ghall-kera ta' hwejjeg mobbli".*

2. Illi mix-xhieda ta' Elizabeth Schembri fis-seduta tat-18 ta' Lulju, 2001, jirrizulta li William England ghan-nom tal-konvenut kien ordna zewg vetrini. Din ix-xhud tghid li x-xoghol in kwistjoni sar fl-1998. Minn Dok. ES2 esibit minn din ix-xhud jirrizulta li zewg 'Expolite showcases' gew ordnati mill-konvenut fit- 8 ta' Ottubru, 1998.

3. Illi fl-Avviz tat-Talba, is-socjeta' attrici qed titlob l-ammont in kwistjoni bhala prezz ta' servizzji professjonali filwaqt li Elizabeth Schembri fix-xhieda taghha titkellem dwar xogholijiet. Il-konvenut fin-nota prezentata fid-19 ta' Lulju, 2001, jitkellem dwar kera ta' mobbli.

4. Illi ghalkemm f'Dok. ES2 u fl-Avviz tat-Talba m'hemmx specifikat kjarament li l-ammont mitlub jirrigwarda kera ta' mobbli, l-ammont ta' sebghin lira Maltin (Lm70.00) mitlub jindika li l-prezz mitlub jirrigwarda servizzji konsistenti f'kera ta' mobbli u mhux prezz ta' xogholijiet ghaliex altrimenti il-prezz kien ikun ferm aktar.

5. Illi l-Avviz odjern gie ntavolat fil-5 ta' April, 2001, u s-socjeta' attrici ma ressqet ebda prova li hija nterrompiet il-perijodu ta' preskrizzjoni qabel din id-data.

6. Illi l-azzjoni attrici tirrizulta ghalhekk preskritta ai termini tal-Artikolu 2148 (f) tal-Kap. 12.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu nterament mis-socjeta' attrici skond il-ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR